MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 1308/2003

**Maltacom p.l.c.**
**Vs**
**Azawam Azawam u Bridgette Anne konjugi Atwair**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li bih s-socjeta' attrici ippremettiet: illi skond id-dokumenti reltattivi hawn annessi u markat "Dok A, B u C" kif ukoll skond ir-regolamenti vigenti li jirregolaw l-uzu tas-servizzi moghtija mis-Socjeta kummercjali Maltacom p.l.c., il-konvenuti ghandhom jaghtu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmint elef sitt mija u disghin lira Maltija hamsa u tletin centezmu (LM8,690.35) in konnessjoni mas-servizzi tat-telefon relattivi ghal-linji bin-numri erbgha, hamsa, wiehed, tnejn, tlieta, tlieta (451233), erbgha, tmienja disgha, tlieta, erbgha, sebgha (489347) u erbgha, hamsa, tlieta, zero, tmienja, wiehed (453081) skond il-prospetti hawn annessi u markati bhala "Dok D, E u F"; illi l-konvenuti interpellati biex ihallsu

baqghu inadempjenti;  illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u ezigibbli;  jghidu  l-konvenuti ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddeciedi l-kawza skond it-talba tas-socjeta' attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur l-Artikolu 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tikkundanna l-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmint elef sitt mija u disghin lira Maltija hamsa u tletin centezmu (Lm8690.35).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tat-taxxa tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti, li min issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda ta' tas-socjeta attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqasu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta' tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat ta' tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati.

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici kif dedotti fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------